Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 31/18

**Mapfre Middlesea p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Anton Ricca u l-istess Anton Ricca (appellanti)**

**vs**

**Simone Busuttil (appellata)**

16 ta' Ottubru 2018.

1. **Din il-kawża hi dwar incident tat-traffiku li ġara fit-2 ta' Settembru 2016 f'Bir id-Deheb, bejn il-vettura HAW-431 <u>li kien qiegħed isuq l-attur Anton Ricca</u> (liema vettura hija assikurata mas-soċjeta` attriċi) u l-vettura JBG-182 <u>li kienet qegħda ssuq Simone Busuttil</u>.**

2. <u>Fl-avviż tagħhom</u>[1] ippreżentat quddiem iċ-Centru Malti tal-Arbitraġġ, is-soċjeta` attriċi Mapfre Middlesea p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Anton Ricca u l-istess Ricca talbu li jiġi dikjarat li għall-inċident awtomobilistiku in kwistjoni kienet responabbli Simone Busuttil u li konsegwentement l-istess Simone Busuttil tiġi kkundannata tħallas id-danni sofferti minnhom fl-ammont ta' €721.68[2] u spejjeż.

3. <u>Fit-tweġiba</u>[3] Simone Busuttil qalet li kienet qegħda tikkontesta t-talbiet tal-atturi peress li ma kinitx taħti għall-inċident.

[1] liema avviż wasal fiċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ fil-25 ta' Settembru 2017.

[2] Għalkemm oriġinarjament iddikjaraw li d-danni sofferti minnhom jammontaw għal €631.68, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2018 talbu li ssir korrezzjoni ta' dan l-ammont, fis-sens li kellu jiżdied b'€90 rappreżentanti l-*policy excess fees.* Peress li ma saret l-ebda oġġezzjoni da parti ta' Simone Busuttil, l-Arbitru ordna tali korrezzjoni.

[3] liema risposta waslet fiċ-Ċentru Malta tal-Arbitraġġ fis-16 ta' Jannar 2018.

4. Fid-deċiżjoni tas-7 ta' Marzu 2018, l-Arbitru Dr Marco Ciliberti ikkonkluda illi Simone Busuttil ma kinitx responsabbli għall-inċident in kwistjoni u li kien invece Anton Ricca li kkaġuna l-inċident meta f'karreġġata li hija *single lane* huwa għamel manuvra ta' sorpass min-naħa tax-xellug ta' vann li f'dak il-mument kien wieqaf sabiex jippermetti lill-konvenuta taqsam mill-karreġġata opposta sabiex tidħol fil-*carwash* li tinsab fuq ix-xellug tal-karreġġata li fiha kien għaddej l-istess vann. Għalhekk ċaħad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.

5. L-atturi ħassew ruħhom aggravati bl-imsemmija deċiżjoni u fil-21 ta' Marzu 2018 appellaw u talbu lil din il-qorti tirrevoka u tħassar il-lodo arbitrali, tiċħad ir-risposta tal-konvenuta appellata, u tilqa' t-talbiet tagħhom. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenuta appellata.

6. **L-atturi jsostnu li l-Arbitru kien żbaljat meta kkonkluda li għall-inċident in kwistjoni kien jaħti unikament Anton Ricca u mhux Simone Busuttil. Ir-raġunijiet li jagħtu huma dawn:**

- Isostnu illi Ricca ma kienx qed jagħmel manuvra ta' sorpass, kif ikkonkluda l-Arbitru, iżda kien sempliċiment qed iżomm max-xellug tal-karreġġata, liema karreġġjata, skont huma, tesa żewġ vetturi. Jgħidu li Ricca kien qed iżomm max-xellug għaliex eventwalment ried jikser fuq ix-xellug għal Ħal Għaxaq.

- Jaċċennaw għall-fatt li Simone Busuttil kienet qegħda fit-traffiku ġej mill-faċċata u li mingħajr esplorazzjoni tajba tat-triq, qasmet "*across the line of oncoming traffic*" u fixklet il-passaġġ ta' Anton Ricca li kien għaddej fil-karreġġata proprja u leġittima tiegħu.

- Jargumentaw illi bil-fatt li s-sewwieq tal-vann allegatament ċeda lil Simone Busuttil, ma jfissirx li taha d-dritt li taqsam mingħajr ma tosserva r-regolamenti jew tqis traffiku ieħor. Isostnu illi li kieku għamlet "*proper lookout*" kienet żgur tara l-vettura ta' Ricca ġejja lejha.

- Iżidu jgħidu li bil-fatt li l-konvenuta ttraversat il-"*hatched markings*" tat-triq ifisser li l-manuvra tagħha kienet doppjament azzardata. Jargumentaw illi kuntrarjament għal dak imsemmi fil-lodo, l-Artikoli 163, 164, u 165 tal-Kodiċi Għat-Traffiku fit-Triq, ma japplikawx għall-każ odjern għaliex il-marki fit-triq ma kinux sempliċi linja bajda kontinwa jew maqtugħa, iżda

linji diagonali. Isostnu li huwa mgħallem li meta jkun hemm tali linji ifisser li sa fejn hu possibbli xufier għandu jevita li jirfes fuqhom. F' kull każ jgħidu li l-konvenuta kellha l-obbligu primarju biex tipproċedi b'kawtela.

7. Fil-5 ta' April 2018 il-konvenuta appellata wieġbet biex tgħid għaliex l-appell tal-atturi kellu jiġi miċħud u l-lodo arbitrali ikkonfermat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess atturi appellanti.

**Kwadru tal-ambjenti stradali u ta' kif ġara l-inċident, b'referenza għar-rapport u r-ritratti tal-Gwardjan Lokali:**

8. Nhar it-2 ta' Settembru 2016 (18:01), fi Triq Għar Dalam, Żejtun, seħħ inċident awtomobilistiku bejn il-vettura Toyota Vitz (JBG-182) misjuqa minn Simone Busuttil u l-vettura Toyota Starlet (HAW-431) misjuqa minn Anton Ricca, liema vettura fiż-żmien tal-inċident kienet assikurata mas-soċjeta' attriċi.

9. Kif wieħed jista' jara mir-ritratti eżibiti mir-rapport tal-Gwardjan Lokali, Triq Għar Dalam hija maqsuma f'żewġ karreġġati b'direzzjonijiet opposti, mifrudin minn xulxin permezz ta' "*hatched markings*" bojod diagonali, liema "*hatched markings*" huma fuq naħa waħda bordurati b'linja bajda kontinwa, u fuq in-naħa l-oħra bordurati b' linji bojod maqsumin (*dashed line*).

10. Il-vettura li kien qiegħed isuq Ricca kienet sejra fid-direzzjoni lejn il-*bypass* ta' Ħal Għaxaq (fejn l-imsemmija "*hatched markings*" huma bordurati b'linja bajda kontinwa) filwaqt li l-vettura li kienet qegħda ssuq Busuttil kienet sejra fid-direzzjoni ta' Birżebbuġa (fejn l-imsemmija "*hatched markings*" huma bordurati b'linji bojod maqsumin).

11. Mill-istess ritratti jidher ukoll li l-kareġġata li minnha kienet għaddejja l-vettura li kien qiegħed isuq Ricca mhijiex maqsuma min-nofs permezz ta' linji bojod maqsumin.

12. Busuttil, li kif ingħad kienet qed issuq fid-direzzjoni ta' Birżebbuga, riedet tmur

fuq in-naħa l-oħra tat-triq, u għalhekk riedet taqsam il-karreġġata opposta li minnha kienet għaddejja l-vettura ta' Ricca.

13. Sewwieq ta' vann li kien għaddej fil-karreġġjata aktar 'il quddiem minn Ricca osserva li Busuttil kienet qegħda tistenna biex taqsam it-triq, u ċedielha sabiex tgħaddi.

14. Wara li Busuttil qasmet il-"*hashed markings*" li jaqsmu Triq Għar Dalam, u qasmet ukoll minn quddiem il-vann li kien waqfilha, ħabtet imbagħad mal-vettura misjuqa minn Ricca li proprju f'dak il-mument kienet għaddejja fuq in-naħa tax-xellug tal-vann (cioe` bejn l-entratura għall-*carwash*/pompa u l-vann).

15. Il-verżjonijiet li s-sewwieqa taw lill-Gwardjan Lokali G265 Mark Aquilina li mar fuq il-post wara l-inċident huma s-segwenti:

**Dikjarazzjoni ta' Simone Busuttil - (Driver A)**:

"*Jiena kont għaddejja minn Triq Għar Dalam, u kont se ndur għall-pompa tal-petrol, u ċedieli vann abjad u HAW-431 dar u ġie minn wara l-vann, qalgħu minn ġewwa u ħbatna*."

**Dikjarazzjoni ta' Anton Ricca - (Driver B)**:

"*Jien għaddej fi Triq Għar Dalam sejjer dritt, sejjer direzzjoni lejn Żejtun, kif wasalt ħdejn il-pompa sibt lil JBG-182 idur ma' wiċċi.*"

16. Fuq ir-rapport tiegħu il-Gwardjan Lokali indika li "*Vehicle A was slightly moved, but photos taken as vehicles found*." Jiġi ppreċiżat illi "Vehicle A" hi l-vettura ta' Busuttil. Ifisser għalhekk li l-vettura ta' Ricca ma ċċaqalqitx u allura ir-ritratti juru l-pożizzjoni eżatta tagħha fil-ħin li ġara l-impatt.

17. Mill-ewwel ritratt wieħed jista' josserva li parti mill-vettura ta' Ricca qabżet il-linja bajda u kontinwa li hemm ma' gemb it-triq u li qegħda hemm biex tindika l-konfini tal-karreġġata minn fejn kien għaddej. Fi kliem ieħor ir-roti tax-xellug tal-vettura ta' Ricca jinsabu bejn il-linja bajda kontinwa u l-ħajt tas-sejjieħ.

**Verżjonijiet li taw ix-xufiera quddiem l-Arbitru fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2018:**

18. **Simone Busuttil** ikkonfermat l-istqarrija li tat quddiem il-Gwardjan Lokali dakinhar tal-inċident. Żiedet tgħid li kienet wieqfa bl-"*indicator"* u riedet taqsam għan-naħa l-oħra ta' Triq Għar Dalam sabiex tidħol fil-*carwash.* Qalet li ċedielha vann bil-kaxxa kbira. Enfasizzat illi "*hemm dashed line fuq in-naħa tal-karreġġata li fiha kont qegħda nsuq".* Spjegat li l-vettura misjuqa minn Ricca ma rathiex minħabba l-vann. B'riferenza għall-istqarrija tagħha qalet li lil Ricca ma ratux jissporpassa lill-vann, iżda ħasset id-daqqa.

19. **Anton Ricca** ikkonferma l-istqarrija li ta quddiem il-Gwardjan Lokali dakinhar tal-inċident, pero` ippreċiża li kien sejjer Ħal Għaxaq u mhux iż-Żejtun. Xehed li l-karreġġata li kien qed isuq fiha dakinhar tal-inċident jużaha kuljum. Qal li ma rax il-vettura misjuqa minn Busuttil iddur għall-karreġġata tiegħu, u kkummenta li "*kieku ħarist la ġenba kont nidħol f'ta' quddiemi.*" Fl-istess nifs pero` qal li ma kienx hemm karozzi quddiemu. Qal li kien għaddej bil-mod u sabiex jipprova jevita l-inċident żamm il-*brake.* Muri l-pożizzjoni tal-vettura tiegħu fir-ritratti spjega li: "*Bilfors trid issuq hekk jekk tkun sejjer Ħal Għaxaq kif kont sejjer".* Għas-suġġeriment li huwa qala' l-vann, huwa rrisponda li quddiemu ma kienx hemm vannijiet. Dwar l-istqarrija ta' Busuttil, fejn qalet li ma' ġenbu kien hemm vann, huwa qal "*jiena quddiemi inħares u mhux ma' ġenbi".*

**Konsiderazzjoni.**

20. Skont il-Kodiċi Għat-Traffiku fit-Triq (*Highway Code*):

**Artikolu 3**:
*"Il-karreġġati kultant ikunu maqsuma f'mogħdijiet permezz ta' linji*

*bojod miksurin, jew f' żewġ nofsijiet, wieħed għal kull direzzjoni li jkun sejjer it-traffiku, permezz ta' linja bajda kontinwa…."*

**<u>Artikolu 4:</u>**
*"Toroq b'żewġ karreġġati biss għandhom karreġġata għal kull direzzjoni, li tkun maqsuma b'centre-strip jew reservation. L-ebda vettura m'għandha tuża dawn il-karreġġati bil-maqlub."*

**<u>Artikolu 164</u>**:
*"Linji bojod maqtugħa jaqsmu l-karreġġata f' żewġ mogħdijiet u tista' taqsamhom bl-attenzjoni meħtieġa u wara li tkun urejt lill-vetturi l-oħra."*

21. Kif fuq spjegat, Triq Għar Dalam tikkonsisti f'żewġ karreġġati, waħda għal kull direzzjoni li jkun sejjer it-traffiku, liema karreġġati huma mifrudin minn xulxin permezz ta' "*hatched markings*" li jservu bħala *centre strip.*

22. Il-karreġġata li kien għaddej minnha Anton Ricca mhix maqsuma min-nofs b'linji bojod maqsumin u allura tikkonsisti f' mogħdija waħda (*single lane)* u mhux f'żewġ mogħdijiet (*double lane*) kif qegħdin jippretendu l-appellanti. Għalhekk anke jekk fiżikament jistgħu joqgħodu fiha żewġ karozzi ma ġenb xulxin, ma jidhirx li hija intiża biex jinstaqu fiha żewġ vetturi ma' ġenb xulxin. Kif irritjena l-Arbitru, il-konfigurazzjoni tat-triq titlob li s-sewwieq iżomm fin-nofs tal-karreġġata.

23. Fil-fatt l-ewwel ritratt tal-Gwardjan Lokali juri li biex setgħu joqgħodu ma' ġenb xulxin il-vann u l-vettura misjuqa minn Ricca, Ricca kellu jsuq fuq l-estrem sew tax-xellug tat-triq, b'mod li l-vettura tiegħu spiċċat li qasmet <u>il-linja bajda kontinwa li tinsab fuq ix-xellug tal-karreġġata</u>, u b'mod allura li parti mill-vettura tiegħu ġiet bejn l-ispazju li hemm wara l-linja kontinwa u l-ħajt tas-sejjeħ.

**<u>L-Artikolu 1</u>** tal-Kodiċi Għat Traffiku fit-Triq jispjega li:

***"…..F'postijiet mhux abitati, flok bankini jkun hemm ġeneralment linji bojod kontinwi fil-ġenb tat-triq, magħrufa bħala hard shoulder".***

24. Il-fatt li Ricca spiċċa biex qasam din il-linja kontinwa <u>li sservi flok it-tarġa ta' bankina</u> ikompli jikkonferma kemm ma joqgħodux liberament żewġ karozzi ħdejn xulxin u li huwa appuntu għalhekk li <u>mhix maqsuma f' żewġ mogħdijiet</u>. Dan juri kemm fiċ-ċirkostanzi huwa infondat l-argument tal-appellanti li *"l-konfigurazzjoni ta' triq wiesa li tippermetti żewġ vetturi jinstaqsu fl-istess direzzjoni, titlob li s-sewwieq li għaddej b'veloċita` baxxa jew inkella ser jikser lejn ix-xellug, iżomm max-xellug tat-triq u mhux fin-nofs tagħha."*

25. Il-manuvra li riedet tagħmel Busuttil, cioe` li tikser minn fejn kienet għan-naħa l-oħra ta' Triq Għar Dalam, jidher li kienet waħda leġittima.

**<u>L-Artikolu 165</u>** tal-Kodiċi Għat-Traffiku jipprovdi li:

*"Linja bajda kontinwa b'waħda mhux kontinwa tista' tinqasam biss minn naħa tal-linja mhux kontinwa, **b'attenzjoni xierqa u wara sinjal adattat lill-vetturi l-oħra."***

26. Għalkemm dak l-artikolu ma jsemmix "*hatched markings*", ma jfissirx li ma japplikax għall-każ odjern. Dan qed jingħad għaliex il-"*hatched markings*" li jaqsmu Triq Għar Dalam f'żewġ karreġġati huma bordurati fuq in-naħa tal-karreġġata ta' Busuttil b'"*linja bajda **mhux kontinwa***". Għalhekk jidher li sewwieq li jkun sejjer fid-direzzjoni ta' Birżebbuga, <u>bħal ma kienet Busuttil</u>, jista' jikser u jaqsam il-karreġġata opposta sabiex imur lejn il-*carwash*/pompa tal-petrol li tinsab fuq in-naħa l-oħra tat-triq, ovvjament wara li jkun għamel *proper lookout*. Li kieku kien mod ieħor il-linja kienet tkun kontinwa, kif inhu fil-każ tal-karreġġata li kienet qegħda tintuża mill-vettura tal-appellant.

27. Issa Busuttil kienet wieqfa bl-"*indicator"* mixgħul tistenna biex taqsam għan-naħa l-oħra tat-triq. Meta osservat li kien ċedielha s-sewwieq tal-vann hija agħmlet il-manuvra biex taqsam. L-appellanti jargumentaw illi qabel ma

għamlet hekk kellha tesplora tajjeb it-triq quddiemha u taċċerta ruħha li setgħet tagħmel tali manuvra b'sikurezza għat-traffiku li kien ġej minn quddiemha. Isostnu li hija fil-fatt m'għamlitx tali *proper lookout* u jikkummentaw li l-vettura ta' Ricca ma waqgħetx mis-sema, u allura bilfors li kienet viżibbli għal ċertu intervall fi triq li hija dritta.

28. Busuttil xehdet li ma ratx il-vettura ta' Ricca minħabba l-vann, iżda fi kwalunkwe każ meta hija rat lis-sewwieq tal-vann (li kien għaddej minn karreġġata *single lane*) jieqaf u jċedilha biex tgħaddi, kellu jkun biżżejjed għaliha biex tagħmel l-manuvra tagħha. Il-fatt li f'karreġġata single lane waqaf il-vann sabiex iċedi lill-vettura ta' Busuttil, kien biżżejjed biex tifhem li tista' taqsam dik il-karreġġata mingħajr ebda periklu.

29. Min-naħa l-oħra kellu jkun <u>raġonevolment ovvju</u> għal Ricca li r-raġuni għaliex is-sewwieq tal-vann li kien quddiemu irrallenta u waqaf kienet proprju <u>biex iċedi lil xi vettura li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta</u>, anke jekk minħabba d-daqs tal-istess vann seta kien il-każ li tali vettura ma kinitx viżibbli min-naħa tiegħu. Sfortunatament ħafna xufiera ma jafux it-tifsira ta' paċenzja u prudenza fis-sewqan u jippretendu li dejjem għandhom id-dritta.

30. Kienu jkunu ċirkostanzi differenti kieku, per eżempju, il-vann waqaf u xegħel l-*indicator* biex juri li kien be ħsiebu jdur għal fuq il-lemin tiegħu, f'liema każ, l-**<u>Artikolu 182</u>** tal-Kodiċi Għat-Traffiku fit-Triq jipprovdi li huwa possibbli għal dak li jkun jaqla' mix-xellug (bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali li sewwieq għandu jaqla' mil-lemin):

> ***"Aqla' min-naħa tal-lemin***
>
> *182. Din ir-regola mhux neċessarjament tapplika fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:-*
>
> *•<u>Meta min ikun isuq vettura quddiemek ikun għamel sinjal li se jdur fuq il-lemin</u> u tkun tista' taqilgħu bla periklu mix-xellug mingħajr ma tkun ta' inkonvenjenza għat-traffiku l-ieħor, jew meta tkun se tidħol ġo xi trejqa fuq ix-xellug.*

*•Meta l-vetturi fil-mogħdija tan-naħa tal-lemin ikunu mexjin aktar bil-mod minnek fi triq traffikuża"*

*(sottolinear ta' din il-qorti)*

31. Dan pero` qatt ma seta' jkun il-każ in kwistjoni għaliex mhux possibbli għal vetturi li jkunu għaddejjin fil-karreġġata li tieħu għall-*Bypass* ta' Ħal Għaxaq (bħal ma kienu l-vann u l-vettura misjuqa minn Ricca) li jiksru fuq il-lemin, minħabba l-linja bajda kontinwa li tikkonfina mal-"*hatched markings*" fuq in-naħa tal-karreġġata tagħhom. <u>Għalhekk meta l-vann li kien għaddej quddiem Ricca waqaf, kellu jkun raġonevolment ovvju għal Ricca li kien qiegħed iċedi lil xi vettura ġejja mill-faċċata.</u> *Multo magis* meta wieħed iqis li Ricca huwa familjari mal-inħawi. Fil-fatt huwa xehed li jgħaddi minn hemm kuljum u allura jaf sew li f'dak il-punt hemm *carwash*/pompa tal-petrol li jistgħu jiksru għaliha vetturi ġejjin minn faċċata. F'tali ċirkostanzi għalhekk, meta l-vann ta' quddiemu irrallenta u waqaf, Ricca kellu jieqaf ukoll. <u>F' tali ċirkostanzi kienet manuvra ferm irresponsabbli u imprudenti da parti tiegħu li jaqla' lill-vann b'dak il-mod.</u>

**<u>L-Artikolu 181</u>** tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq fi-fatt jipprovdi hekk:

"*Qatt taqla' vettura oħra qabel ma tkun ċert li tista' tagħmel dan mingħajr periklu għalik jew għal ħaddieħor....*".

32. Finalment din il-qorti jidhrilha li għandha tikkummenta fuq ix-xiehda ta' Ricca, fejn qal li (i) meta kien qed isuq fil-karreġġata li tieħu għall-Bypass ta' Ħal Għaxaq ma kienx hemm vannijiet quddiemu, u li (ii) meta jsuq huwa jħares quddiemu u mhux ma' ġenbu. <u>Fl-ewwel lok</u> il-vann bilfors li kien quddiemu fil-karreġġjata (anke jekk xi ftit maqlugħ 'il barra lejn il-lemin) għaliex kien <u>wara</u> li l-vann waqaf ħdejn l-entratura tal-*carwash* u <u>wara</u> li Busuttil dahret biex taqsam it-triq biex tidħol fil-*carwash* li huwa wasal ħdejn l-entrata tal-*carwash* u ġie rasimbras mal-vann. <u>Fit-tieni lok</u>, id-dikjarazzjoni tiegħu li meta jsuq huwa jħares quddiemu u mhux ma' ġenbu ma tantx tgħin il-każ tiegħu, għax

skont tali dikjarazzjoni jiġi li meta huwa jkun qed isuq huwa jagħti attenzjoni biss għal dak li jkun hemm dritt quddiemu (bħaż-żwiemel bil-*blinkers*) mingħajr id-debita attenzjoni għad-dintorni tiegħu. Fis-sewqan invece is-sewwieqa għandhom ikunu f'kull ħin attenti għal dak li qiegħed jiġri madwarhom. Kif ikkummentat Busuttil fir-risposta tal-appell tagħha, din id-dikjarazzjoni ta' Ricca turi nuqqas ta' *proper lookout* u attitudni arroganti lejn is-sewqan.

33. Ikkunsidrat dan kollu jirriżulta biċ-ċar li ma kienx il-każ li Busuttil fixklet il-passaġġ ta' Ricca iżda kien invece Ricca li effettivament fixkel il-manuvra leġittima u kkunsidrata ta' Busuttil. Din il-qorti taqbel mal-Arbitru li għall-inċident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawża jaħti unikament Ricca.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż a karigu tal-appellanti.**

Anthony Ellul.